MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru. 706/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**JOSEPH CIOFFI ta’ 32 sena, iben Angelo u Doris nee’ Camilleri, imwieled Zabbar nhar id-09.03.1979, residenti fil-fond Black Pearl, Triq San Gakbu, Xghajra, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 221579M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Joseph Cioffi** li gie akkuzat talli nhar it-22.07.2006 f’dawn il-Gzejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt(6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat il-Kontro Ordni ta' l-Avukat Generali a folio 204 tal-atti processwali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Dennis Theuma jirrizulta li hdejn il-Club tal-Bocci tal-Fgura waqqfu lil certu Emanuel Bianchi. Fuqu sabu Lm4.00 f’zewg karti taz-Lm2.00-il wahda. Fil-vettura tieghu nstabet ukoll siringa mohbija. Kif xehed l-Ispettur Theuma, minhabba li ma rrizulta xejn kontra l-Ligi, dan Bianchi thalla jitlaq. Zied l-Ispettur illi wara xi nofs siegha flimkien man-nies tieghu marru Haz-Zabbar, hemm taw raid fil-pjazza ta’ wara l-ghassa. F’dan ir-raid regghu lemhu lill-istess Emmanuel Bianchi jiehu xi haga minghand l-imputat Cioffi li kien bil-qieghda go vettura KAS575 Lancia Dedra hamra. Jghid illi kif il-pulizija marru jigru wara Bianchi, dan bela’ dak li kien ghadu kif jiehu minghand l-imputat, pero ftit wara, rinfaccat mill-pulizija, bezaq minn jeddu qartas tal-karti b’sustanza kannella go fih. L-Ispettur Theuma mar fuq l-imputat li f’idejh kellu zewg karti ta’ Lm2.00-il wahda, diversi qratas tal-karti li kienu mqassmin fi tliet boroz, wahda b’ghaxar qratas, borza b’disa’ qratas, u borza b’sitt qratas. Kellu fil-pussess tieghu ohra tal-plastic li kien fiha madwar 3 grammi ta’ trab kannella allegatament eroina.

Zied l-Ispettur Theuma li Bianchi anke gguramenta l-istqarrija tieghu minnu rilaxxata quddiem il-Magistrat ta’ l-Ghassa.

WPC 86 Diane Fenech, ukoll involuta f’dan ir-raid, xehdet ukoll fuq l-ewwel tfittxija li saret il-Fgura fuq Bianchi, u fuq ir-raid sussegwenti li sar gewwa Haz-Zabbar. Hemm xehdet illi rat lil Bianchi jaghmel kuntatt ma’ l-imputat. Hi pprocediet biex fil-fatt twaqqaf lil Bianchi biex tara x’kien tefa’ f’halqu dan, ghax in ri-ezami qalet illi kienet rat li Bianchi meta ghamel il-haga bajda go halqu (borza) kien hdejn Joseph Cioffi (folio 24). Dan meta kien ma’ Cioffi fil-karozza.

PC 213 Nicolai Borg ukoll xehed dwar l-Lm4.00 u s-siringa misjuba fuq Emmanuel Bianchi gewwa l-Fgura. Meta waslu Haz-Zabbar regghu nnutaw lill-istess Bianchi hdejn Joseph Cioffi. Xehed illi kif dan Bianchi ra lix-xhud

sejjer lejh, dan resaq ‘il fuq u tefa’ xi haga go halqu. L-istess Kuntistabbli xehed ukoll illi hu u sejjer lejn Bianchi, innota li Cioffi f’idejh kellu zewg boroz tal-plastic u Lm4.00 fi flus. Fil-boroz tal-plastic kien hemm xi qratas u borza ohra bi trab kannella suspettata eroina.

PC 47 Chris Frendo wkoll xehed dwar it-tfittxija li saret fuq Bianchi gewwa l-Fgura. Zied illi aktar tard Bianchi rega’ ntlemah minnhom hdejn il-bus terminus ta’ Haz-Zabbar, hawn gie nnuntat javvicina karozza Lancia KAS575. Rah jiehu xi haga u jimxi ‘l fuq. Mar mill-ewwel fuqu. Flimkien ma’ WPC 86 gie mwaqqaf minnhom, f’halqu deher li kellu xi haga li, wara li gie hekk mitlub, bezaq. Dan kien qartas. Xehed illi fil-vettura msemmija kien hemm Joseph Cioffi li kien bil-qieghda fid-driver seat. F’idejh Cioffi kellu xi pakketti qishom qratas u zewg karti ta’ Lm2.00-il wahda, li kienu ghadhom romblu f’idu.

L-istess xehed PC 1220 Chris Baldacchino dwar ir-raid fuq Cioffi.

Mario Mifsud, l-Ispizjar, fuq ezami tas-sustanza allura elevata, fir-rapport Dok MM a folio 84 et seq, ikkonkluda hekk:

***a. Li ma nstabux tracci tas-sustanza Herojina fiz-zewg boroz tal-plastic li kien hemm fid-dokument 561/06/01a u bicca plastic li kien hemm fid-dokument 561/06/01c/b;***

***b. Li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq il-bicca plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 561/06/01b u zewg bicciet plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 561/06/01c/a u 561/06/01c/c rispettivament;***

***c. Li fit-trab il-kannella li kien hemm fil-borza tal-plastic fid-dokument 561/06/01b u fid-29 qartas fid-dokument 561/6/01b, 561/06/01c u 561/06/01d rispettivament f’ammont nett totali ta’ 7.688 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-medja tal-purita’ tas-sustanza Herojina tat-trab kannella kienet***

***ta' circa 33%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Aktar tard l-istess Spizjar, fuq inkarigu iehor lilu moghti, ikkonkluda:

***"Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba, l-esponent l-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud, jista' jikkonkludi li kien hemm similjanza kimikali bejn il-herojina li allegatament instabet ghand Joseph Cioffi u l-herojina li allegatament instabet ghand Emanuel Bianchi."***

Spjega dan ir-rapport l-Ispizjar billi qal illi l-probabbilta' kienet illi s-sustanzi misjuba ghand Cioffi u dik misjuba ghand Bianchi kienu provenjenti mill-istess sustanza. Spjega hu ghala kien qed juza l-kelma *probabbilta'* billi ta ezempju ta' cake li nonostante provenjenti minn tahlita wahda, kull bicca minnu maqtugha ma jkollha qatt l-istess ammont ta' zbib bhal bicca ohra.

Rat ukoll li l-ezami komparattiv li ghamel l-espert Joseph Mallia bejn l-impronti digitali u tal-palma ta' l-id ta' l-imputat, u l-lifters elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes fuq il-qratas elevati minn fuq u minghand Bianchi u Cioffi, ta rizultanzi inkonklussivi fl-ewwel lok, u negattivi fuq impronta ohra.

Rat ukoll illi kif gia' inghad Emanuel Bianchi ghazel illi jigguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata. Xehed ghalhekk fuq l-istess quddiem din il-Qorti. Qal illi kien Haz-Zabbar u mar biex jinqeda minghand Joseph, li pero skondtu ma kienx jaf - kien jafu siehbu l-iehor. Qal illi minghand l-imputat xtara biss darba pakkett ta' Lm5.00 li ghalih hallas Lm4.00. Ammetta li meta mwaqqaf mill-pulizija, f'halqu kellu pakkett li kien ser jibla' ghax ra lill-pulizija. Qal illi dan kien fih smack li kien xtara minghand Joseph Cioffi. Xehed illi darba biss kien xtara minghandu. Innega li kien hu li kien ta lil Cioffi l-qratas l-ohra misjuba fil-karozza tieghu, dan kemm fl-istqarrija guramentata kif ukoll fil-

kontro ezami. Qal fl-istqarrija li hu sar jaf li Cioffi kien ibiegh ghax kien mar rah ipparkjat fil-pjazza ta' wara l-ghassa, staqsieh jekk jaqdiehx, u qallu iva. Anke hawn qal kif xehed viva voce li kellu iehor mieghu li fil-fatt kien qallu li Cioffi seta' jaqdih. Semma' fil-fatt li kien ma' certu Vince mill-Isla meta mar jixtri d-droga, Vince pero ma xtarax. In kontro ezami qal ukoll illi nonostante li l-pulizija kienu ghadhom kif tawh raid il-Fgura u telquh (kif irrizulta mix-xhieda taghhom), hu xorta nizel lejn Haz-Zabbar ftit wara biex jixtri d-droga, l-eroina. Ammetta li needle kellu wahda gdida u flus Lm4.00 mghaffgin, Lm2.00 u Lm2.00.
Insista in kontro ezami li l-pulizija l-Fgura lilu qabduh u ma grewx warajh. Anzi qal illi fittxewlu fil-karozza u telquh. Kien go Haz-Zabbar li fuqu sabulu pakkett. Qal ukoll illi hu wara li gie mwaqqaf il-Fgura u saq lejn Haz-Zabbar, ma ra lil hadd isegwieh. Rega' nnega li hu tefa' d-droga misjuba gol-vettura ta' Cioffi.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ghazel biex jixhed minn jeddu. Qal f'xhieda pjuttost qasira li waqt li kien il-venda ta' Haz-Zabbar, mar fuqu Bianchi li qallu li kienu waqqfuh is-CID gewwa l-Fgura u tawh search, qallu li kienu sabulu xi labar, umbaghad telquh. Qal illi dak il-hin dan Bianchi qabad il-pakketti u waddabhomlu, u gew is-CID, ghajjatlu wiehed minnhom u hu stess tah id-droga. Xehed illi l-affarijiet (id-droga) ma kinitx tieghu u li b'dan kien qal lil tas-CID, lil wiehed b'xagharu nnukklata li pero aktarx ma kienx xehed f'dawn il-proceduri. Daqshekk xehed l-imputat.

Ingabet tixhed ukoll Victoria Scicluna, in rapprezentanza tas-Sedqa, dan dwar il-progress li ghamel Cioffi fir-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga. Barra minn hekk xehdet li Cioffi kien anke jiehu hsieb u jaghti hafna ghajnuna lil ommu. Xehdet illi issa kien qabad it-triq it-tajba. Ezebiet ukoll Dok VS, ukoll dwar il-progress ta' Cioffi.

Ikkunsidrat:

Illi jghid x'jghid Cioffi fix-xhieda tieghu, il-Qorti tinsab ben konforata minn dak li xehdu li raw l-ufficjali tal-pulizija, u

cioe' l-kuntatt bejn Cioffi u Bianchi, b'rizultat li Bianchi ha xi haga minghand Cioffi li spicca tefa' f'halqu biex jahbi : eroina. Dan huwa wkoll imsahhah bix-xhieda ta' Bianchi nnifsu. Certament Cioffi nqabad f'sitwazzjoni li jindika li hu fil-fatt biegh id-droga eroina.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza, accettanti l-fatt illi dan ir-reat sar fil-parametri tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, folio 135.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib lil Joseph Cioffi hati ta' l-akkuzi hekk kif migjuba fil-konfront tieghu, dan wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti tas-sena 1939, GN 292/1939, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, semghet il-progress li ghamel l-imputat u kemm hu ta' ghajnuna ghal ommu, pero kif stabbilit fl-Artikolu 22(2)(b)(i), din il-Qorti hija marbuta tinflingi piena karcerarja effettiva ta' sentejn habs, u multa ta' €3,000.

Tordna wkoll il-konfiska tal-flejjes gia' ezebiti bhala SB 260.2006;
Tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga kollha KB 16.2008, u ghal dan l-iskop tahtar lis-Sur Godwin Sammut.

Mhix qieghda tordna l-konfiska tal-vettura KAS575 stante li ma ngabet ebda prova dwar is-sid ta' l-istess.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €669.45

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------